MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Numru. 234/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Joscar Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Joscar Camilleri, iben Michael u Josephine neé Xerri, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-23 ta’ Marzu, 1986, residenti Brampton Place, Fl 2, Triq ta’ Mulejja, Fontana, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 12886(G) li gie

akkuzat talli matul ix-xahar ta’ Ottubru 2011, gewwa r-Rabat, Ghawdex u f’diversi postijiet ohra f’dawn il-Gzejjer, f’hinijiet differenti;

1. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ Horace Micallef (ID No. 39984G) waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra lil-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lill-persuna ta’ Horace Micallef (ID No. 39984G);

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat**

ILLI, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, din tirrizulta li hija preskritta u b’hekk il-Qorti tiddikjara l-azzjoni bhala wahda estinta fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija.

Fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti rat id-dokumenti esebiti, fosthom l-istqarrija rilaxxata mill-imputat u kif ukoll ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni minn liema jirrizulta li l-imputazzjoni giet pruvata,.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah multa ta’ mija u hamsa u sebghin ewro (€ 175.00).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------